MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 149/2022 LM

**Caroline Muscat**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Ministeru għall-Finanzi u Xogħol**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Ministeru għall-Finanzi u Xogħol**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDTP) [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-3 ta' Novembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju']

tal-25 ta' Lulju, 2021, u ċaħad ir-rikors tal-appell tal-appellant fil-konfront tal-applikanta **Caroline Muscat** [minn issa 'l quddiem 'l-applikanta' jew 'l-appellata'].

**Fatti**

2. Fis-27 ta' Diċembru, 2020, l-applikanta Caroline Muscat talbet lill-appellant jipprovdilha lista tal-kuntratti u/jew ħlasijiet kollha, inklużi *direct orders*, li saru jew li ġew maqbula bejn il-Ministeru u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu min-naħa, u MediaToday Co. Ltd., Business2Business Ltd, jew Saviour Balzan, min-naħa l-oħra, flimkien ma' dettalji relattivi, u dan *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni). Fis-26 ta' Jannar, 2021, l-appellant informa lill-applikanta li t-talba tagħha ma kinitx qegħda tintlaqa' *ai termini* tal-artikolu 14(g) tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, u dan għaliex id-dokument mitlub mill-applikanta ma kienx fil-pussess tal-appellant, u lill-appellant lanqas ma jirriżultalu li dan id-dokument kien miżmum minn xi awtorità pubblika oħra.

3. Fit-13 ta' Frar, 2021 l-applikanta ressqet ilment dwar din id-deċiżjoni quddiem il-Kummissarju. Fl-ilment tagħha l-applikanta qalet li l-informazzjoni mitluba minnha hija fl-interess pubbliku, tikkonċerna awtorità pubblika amministrata minn fondi pubbliċi, u li l-awtorità kkonċernata għandha l-obbligu li tiġbor l-informazzjoni mitluba sabiex tkun trasparenti.

**Mertu**

4. Il-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Lulju, 2021 spjega li wara li ħa konsiderazzjoni tal-iskop u l-ispirtu tal-Att, li huwa maħsub biex jassigura li jkun hawn kontabilità akbar minn awtoritajiet pubbliċi, billi l-pubbliku jkollu aċċess għal dokumenti miżmuma minn dawn l-awtoritajiet pubbliċi, u wara li qies il-pożizzjoni tal-appellant fir-rigward tat-talbiet tal-applikanta, iddeċieda li l-appellant għandu dokumentazzjoni fil-pussess tiegħu li tissodisfa t-termini tat-talba tal-applikanta, u li għalhekk m'hemm l-ebda impediment legali għall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti.

5. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat quddiem it-Tribunal. L-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija għal kollox karenti minn xi xorta ta' motivazzjoni jew spjegazzjoni, u fid-deċiżjoni imkien ma ngħataw ir-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-applikanta ġew milqugħa. Qal ukoll li filwaqt li l-Kummissarju stqarr li d-deċiżjoni tiegħu ingħatat skont l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan xorta waħda naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal li l-Kummissarju kellu l-obbligu li bid-deċiżjoni tiegħu jagħti s-serħan il-moħħ li huwa kkonsidra l-argumenti kollha tal-każ, u li tali motivazzjoni hija meħtieġa għal raġunijiet ta' trasparenza. Qal ukoll, b'riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, li l-Kummissarju kellu obbligu jikkonsidra l-punti sottomessi għad-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll li jinvestigahom u jagħti deċiżjoni dwarhom, u dan għaliex fin-nuqqas hemm riskju li d-deċiżjoni tkun tippekka mill-elementi ta' smigħ xieraq.

6. L-appellant qal ukoll li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija *ultra vires* u *extra petita.* Spjega li huwa wieġeb li ma jinsabx fil-pussess tal-informazzjoni mitluba

mill-applikanta, u li lanqas m'għandu informazzjoni li hemm xi awtorità pubblika oħra li għandha din l-informazzjoni. Qal li hemm differenza bejn il-lista tal-kuntratti u pagamenti mitluba, u d-dokumenti tal-kuntratti u l-pagamenti nfushom li l-Kummissarju ordnalu jippreżenta. Qal li l-Kummissarju ma kellu ebda kompetenza jordna l-esebizzjoni ta' dokumenti li lanqas biss ġew mitluba mill-applikanta, jiġifieri l-kopja tal-kuntratti u l-pagamenti nfushom, u għalhekk il-Kummissarju ta lill-applikanta xi ħaġa li lanqas biss ġiet mitluba minnha. Qal ukoll li minkejja li l-applikanta llimitat it-talba tagħha sad-data tar-rikjesta tagħha, il-Kummissarju ddeċieda li d-dokumenti prodotti għandhom ikunu dawk sad-data tal-avviż tad-deċiżjoni tiegħu. Qal li għalhekk il-Kummissarju mar *ultra vires* il-kompetenza tiegħu, u dan għaliex huwa kellu jiddeċiedi biss jekk id-dokumenti mitluba speċifikament fit-talba tar-rikorrenti humiex suġġetti għall-eżenzjoni msemmija mill-appellant jew le, u l-Kummissarju m'għandu l-ebda jedd imur oltre minn hekk. L-appellant qal li mkien fil-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ma toħroġ il-kompetenza tal-Kummissarju li jordna l-produzzjoni ta' dokumenti li ma ġewx mitluba mill-applikanti. Qal ukoll li b'din id-deċiżjoni l-Kummissarju naqas milli japprezza r-raġunijiet li tat l-awtorità pubblika in sostenn tad-deċiżjonijiet tagħha. Qal li d-dokument mitlub mill-applikanta ma jeżistix, u dan l-argument tagħha fl-ebda waqt ma ġie meqjus mill-Kummissarju. Qal li għalhekk il-Kummissarju interpreta t-talba tal-applikanta b'mod għal kollox arbitrarju mingħajr raġuni għal dan, u d-deċiżjoni li wasal għaliha hija għal kollox *ultra vires* il-kompetenza tiegħu u hija wkoll *extra petita.* L-appellant qal ukoll li bid-deċiżjoni *extra petita* mogħtija mill-Kummissarju, huwa ma kellux l-opportunità jeżamina jekk id-dokumentazzjoni li ġie ordnat jippreżenta għandhiex tingħata lill-applikanta jew le, u li jista' jagħti l-każ li dawn id-

dokumenti mhumiex fl-interess pubbliku. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju hija għal kollox irregolari u illegali.

7. L-appellant ilmenta wkoll li d-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ntużatx b'mod korrett. Qal li l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jirreferi għal dokumenti eżistenti, u l-ispirtu tal-Att huwa sabiex il-pubbliku jkollu aċċess għal dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. L-appellant qal li fil-fatt il-Kummissarju lanqas ordna l-produzzjoni tad-dokument mitlub, u dan stante li dan id-dokument ma jeżistix, iżda ordna l-produzzjoni ta' dokumenti oltre dawk rikjesti. L-appellant qal li l-uniku mod kif il-Kummissarju seta' wasal għal konklużjoni differenti minn dik li ngħatat, kienet li kieku rriżultalu li l-lista mitluba fil-fatt kienet teżisti, u tinsab miżmuma mill-appellant jew minn xi awtorità pubblika oħra.

8. L-applikanta fir-risposta tagħha wieġbet li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa frivolu u vessatorju, stante li d-deċiżjoni appellata tinkludi l-motivazzjoni għalfejn il-Kummissarju wasal għad-deċiżjoni li fil-fatt wasal għaliha. Qalet li l-Kummissarju kien iffaċċjat bl-istess dokumenti li hija talbet, u għalhekk dan ma kellu l-ebda għażla għajr li jilqa' t-talbiet tagħha. L-applikanta qalet li fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju għamel riferiment estensiv għal dak sottomess lilu, inkluż ir-raġunijiet għaliex l-appellant oġġezzjona għat-talbiet tal-applikanta, u li għalhekk ma jistax jingħad li dawn ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni. L-applikanta qalet li l-Kummissarju imbagħad ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dawk is-sottomissjonijiet li saru, wara li apprezza l-evidenza li kellu quddiemu, u qies li d-dokumenti mibgħuta lilu, skont l-apprezzament li għamel hu ta' dawk id-dokumenti, jinkwadraw ruħhom fit-talba tagħha.

9. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-applikanta qalet li anki dan huwa frivolu u vessatorju, u t-talba tagħha kienet għall-produzzjoni ta' informazzjoni li awtorità pubblika serja bħall-appellant suppost li tista' tipproduċi b'sempliċi *export* jew *print out* mis-sistema tal-*accounting* tagħha. Qalet li fil-fatt hija bagħtet l-istess talba lil għadd ta' awtoritajiet oħrajn li lkoll issodisfaw it-talba tagħha mingħajr problemi ta' xejn, iżda l-appellant qiegħed jgħid li mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel l-istess, jew li huwa ma kellux din l-informazzjoni lesta sabiex tiġi trasmessa lil min jieħu ħsieb il-Gazzetta tal-Gvern. L-applikanta qalet li l-Kummissarju fil-fatt sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, inkluż l-argumenti tal-appellant, u wara li ra d-dokumenti mibgħuta lilu bħala kampjun, ikkonkluda li l-appellant fil-fatt kellu fil-pussess tiegħu d-dokumenti mitluba mill-applikanta. B'riferiment għall-argument tal-appellant li l-Kummissarju ma kellux jedd jordna l-aċċess għal dokumenti, l-applikanta qalet li *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Att, il-Kummissarju għandu wkoll il-jedd li jeżamina u jiddeċiedi mhux biss dwar l-aċċess għad-dokumenti mitluba, iżda wkoll dwar, fost affarijiet oħra, il-mod kif ġiet ittrattata t-talba.

10. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-applikanta qalet li anki dan huwa frivolu u vessatorju, u li mhux ir-rwol tat-Tribunal li jirrevedi d-diskrezzjoni diġà eżerċitata, sakemm m'hemmx raġunijiet serji biex isir dan. L-applikanta qalet li l-Kummissarju mhux talli fehem l-argumenti tal-appellant, talli fehemhom u skartahom, u dan wara li l-appellant ikkonferma li kien żamm dokumenti rilevanti għat-talba tal-applikanta, u saħansitra pprovda kopja tagħhom lill-Kummissarju. Qalet li meta xi ħadd jipprova jargumenta li m'għandux lista ta' ċerti dokumenti, iżda li minflok għandu l-istess dokumenti li

jistgħu jinġabru flimkien, huwa ovvju li dawk id-dokumenti flimkien jagħmlu 'lista', ħlief jekk wieħed jadotta mentalità restrittiva kif qiegħed jagħmel l-appellant.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud, u konsegwentement ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*L-ewwelnett il-Ministeru għall-Finanzi u Xogħol huwa awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk bħala awtorità pubblika kif sewwa jikkontendi l-Kummissarju f'para 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, hija titħallas minn fondi pubbliċi u dan iwassal għall-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus għand min u għaliex.*

*It-tieni, li l-artikolu 2 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti tifsira wiesgħa tal-kelma* 'document' *tant li jiddefinixxi dokument bħala:*

"document" means any article that is held by a public authority and on which information has been recorded in whatever form, including electronic data, images, scale models and other visual representations, and audio or video recordings, regardless of whether the information can be read, seen, heard or retrieved with or without the aid of any other article or device;

*U l-verżjoni Maltija tal-istess artikolu tal-Kap. 496 tagħmilha ċara li dokument tfisser* *__kull oġġett u tispjega li__:*

"dokument" tfisser kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma, inklużi data elettronika, immaġni, mudelli skont skala u preżentazzjonijiet viżwali oħrajn, u reġistrazzjonijiet awdjo jew vidjo, irrispettivament jekk l-informazzjoni tistax tinqara, tidher, tinstema' jew tinġieb lura bl-għajnuna ta' xi oġġett jew apparat ieħor jew mingħajr din l-għajnuna;

*Li għalhekk il-Kap. 496 ma japplikax biss għal dokument uffiċjali ċioe għal dak li l-appellanti jsejjaħlu* recorded *iżda għal kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika li huwa marbut ma' pagamenti li saru lil individwu/kumpannija/kumpanniji rikjesti.*

*Li d-dokumenti rikjesti ma jirriżultawx li huma dokumenti privileġġjati.*

*Li l-argument tal-appellanti li l-eżerċizzju jirrikjedi ħafna ħin u riżorsi u dan ma jaħtix għalih dan it-Tribunal.*

*Argument ieħor tal-appellanti huwa li fis-sentenza esebita l-appellanti għamel* highlighted *il-partijiet li skont hu japplikaw għal dan il-każ fosthom li* "the MoJ says that to carry out the exercise amounts to creating new information and that the purpose of the Act is to allow people to obtain existing information not to require public authorities to undertake research to create new information."

*L-istess sentenza tirrileva li* information held by the public authority *tfisser* the Act if concerned with access to information rather than access to the documents containing the information *u t-Tribunal ċaħad it-talba abbażi ta' spejjeż li l-awtorità pubblika tirrikorri sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju ċioe abbażi tal-artikolu 12 tal-Att li jgħid:*

12(1) Section 1(1) does not oblige a public authority to comply with a request for information if the authority estimates that the cost of complying with the request would exceed the appropriate limit. *U jispjega li* "appropriate limit" *Artikolu 12(3) jfisser "*such amount as may be prescribed and different amounts may be prescribed in relation to different cases". *U r-regolamenti (para 54 tas-sentenza) jistipulaw li f'każ ta' awtorità pubblika* the appropriate limit is £600; in the case of any other public authority the appropriate limit is £450. *U li* all government departments are included in Part 1 of Schedule 1 so the appropriate limit in the present case is £600.

*Difatti s-sentenza esebita mill-appellanti ddeċidiet kif ġej (para 64):*

For all the foregoing reasons we find that the information requested by the Appellant is held by the MoJ. However we also find that pursuant to Section 12, it is not obliged to comply with the Appellant's request.

*Li Għalhekk il-bażi ta' rifjut kien l-ispejjeż involuti u mhux għax l-informazzjoni ma kinitx miġbura fid-*database.

*Illi jiġi rilevat li fl-atti ma jirriżultax li l-Ministeru qatt ilmenta li hemm ħafna spejjeż involuti sabiex isir dak mitlub mill-appellanti iżda l-ilment tiegħu kien li l-Ministeru ma għandux dik l-informazzjoni għax ma "*the accounting documents are not kept and

categorised under the name of companies and individuals as cited by the applicant ...”.

*Tajjeb jingħad li dan seta’ għamel l-istess il-Ministeru appellant tenut kont li l-Avviż Legali 158/2010 jgħid ċar u tond li l-awtorità pubblika tista’ toħroġ kont sabiex tiġbor l-informazzjoni mitluba li ma jeċċedix l-erbgħin euro (€40). Ħaġa li m’għamilx.*

*Argument ieħor tal-appellanti huwa li l-appellanti permezz tas-sentenza ċitata jargumenta wkoll li t-talba magħmula mill-appellanti hija dwar* ‘new information’ *u mhux informazzjoni li diġà għandhom u tirrigwarda* ‘access to information rather than access to documents containing the information’.

*Li t-Tribunal ma jaqbel xejn ma’ dan kemm għax it-talba saret mhux biss fir-rigward tal-Ministeru iżda wkoll fir-rigward tad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħtu kif ukoll stante li t-talba hija dwar informazzjoni li diġà għandhom u jrid ikollhom skont il-liġi tal-awditjar stante li kull sold minfuq kull dipartiment / ministeru jrid jagħti spjegazzjoni għalih. Għalhekk ma jistax jingħad li l-informazzjoni mitluba hija informazzjoni ġdida iżda informazzjoni li diġà għandhom iżda li ma ħasbux biex jorganizzawha u ta’ dan ma għandhiex taħti l-appellata.*

***Rigward l-ewwel aggravju*** *li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-27 ta’ Lulju, 2021 ċioe li d-deċiżjoni mhix motivata, hija qasira u bbażata fuq l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan it-Tribunal jirrileva li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, taqbel magħha jew ma taqbilx, hija bbażata fuq il-motivazzjoni mogħtija fil-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Fir-rigward ta’ dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imħ. Sciberras tal-20 ta’ Ottubru, 2003 fl-ismijiet Tomlin Company Limited v Jon David Limited liema Qorti ddeċidiet li Qorti mhijiex strettament obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni trid tkun motivata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġa għal validità tas-sentenza li telabora oltre dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju elenka fil-parti intitolata* Legal analysis and Decision *u abbażi tal-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieħed jista’ ma jaqbilx ma’ din il-motivazzjoni msemmija f’dawn il-paragrafi iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhix waħda motivata anzi kienet ibbażata fuq osservazzjonijiet magħmula f’para 7 sa para 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

***It-tieni aggravju*** *tal-Awtorità huwa li l-Kummissarju ddeċieda billi ordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-applikanta* – ultra vires *u* extra petita *ċioe li l-ordni sabiex jiġu esebiti l-kuntratti meta t-talba ta' Caroline Muscat hija sabiex jiġu esebiti l-lista tal-kuntratti.*

*It-talba tal-appellata hija hekk:*

list of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the Housing Authority [sic!] or any of its departments and Mediatoday Co. Ltd, Business2Business Ltd or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/direct order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorising the respective contract/payment."

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju ordna hekk:*

*"*Consequently by virtue of article 12(1)(b) of the Act the Public Authority is hereby being instructed to provide the applicant with copies of payments made to MediaToday Co. Ltd., Mr Saviour Balzan and Business2Business Ltd in relation to services from 2013 up till the date of the issuance of this decision notice."

*Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna hemm l-'*extra petita' *jew l-'*ultra petita' *meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata ..." (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imħ. Sir Anthony J Mamo deċiża fis-6 ta' Novembru, 1961 fl-ismijiet Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici).*

*Illi mit-talba tal-appellata li saret lill-Kummissarju jirriżulta ċar li meta hija talbet lista tal-kuntratti eċċ hija ssostanzjat dan bis-segwenti ċioe "*entered into between the Ministry....or any of its departments". *Li għalhekk it-talba ma kinitx tirrigwarda l-Ministeru biss iżda d-dipartimenti li jaqgħu taħt l-istess ministeru.*

*Illi mill-atti jirriżulta li l-istess Ministeru ma kellu ebda diffikultà li tgħaddi lill-Ministeru Awtorità '*the sample documentation ... wherein the Public authority following the issuance of the information notice wherein the Public authority confirmed that it holds documents in relation to agreements and or payments made to MediaToday Company Limited and Business 2 Business Limited, confirmed that it holds copies of documents made in relation to "contracts and/or payments made to MediaToday Co. Ltd. and Business 2 Business Ltd"*. Li għalhekk dan it-Tribunal ladarba t-talba kienet tirrigwarda mhux biss il-Ministeru iżda wkoll id-dipartimenti kollha li jaqgħu taħtu l-*

*istess Ministeru anke jekk ma għandux tali informazzjoni kellu jitlob lid-dipartimenti li jaqgħu taħtu l-informazzjoni mitluba.*

*Li Għalhekk ma għandhiex raġun l-appellanti meta f'dan l-aggravju tallega li se mai il-Kummissarju kellu jordnalha tippreżenta l-lista tal-kuntratti eċċ u mhux il-kuntratti per se u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju ma jistax jingħad li tmur oltre dak rikjest mill-appellata Caroline Muscat f'dan ir-rigward.*

*Dwar ir-risposta tal-Awtorità lill-Kummissarju li l-Awtorità tagħmel referenza għalihom fl-appell tagħha, u li talbet li tifforma parti minn dan l-appell tagħha, jingħad li l-appellanti għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba ċioe d-dokumenti minn dak li hija u minn dawk id-dipartimenti li jaqgħu taħtha għandhom fis-sistema tagħhom u dan kif jirrikjedi* ***l-artikolu 2 tal-Kap. 496*** *meta jagħti tifsira ta'* 'dokument' *liema tifsira hija ampja u tirreferi għal kwalunkwe oġġett.*

*Inoltre dan it-Tribunal ma jarax għalfejn is-*sample documentation *mgħoddi lilu ma ġiex mgħoddi wkoll lill-appellata.*

*Inoltre l-ilment tal-appellant fin-nota ġuramentata ppreżentat minn Roderick livori* [sic!] *għan-nom tagħha li tali informazzjoni kienet ser twassal lill-awtorità għal użu ta' riżorsi b'mod essenzjali, ma jagħmilx sens kemm għax l-Awtorità ma ssostanzjatx dan u kif ukoll għax fl-era tal-*computer *dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-awtorità jekk tagħmel ir-riċerka neċessarja ma tistax issib* invoices *u irċevuti li ħarġu lill-Maltatoday Co. Ltd., Business 2 Business Ltd jew Saviour Balzan.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Dwar it-tielet aggravju*** *l-Awtorità tilmenta li l-Kummissarju naqas li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett meta interpreta t-talba tal-appellanti bħala li tinkludi l-kuntratti per se u mhux lista ta' kuntratti.*

*Dwar dan l-aggravju dan it-Tribunal ma għandu xejn xi jżid ma' dak li diġà rrelata fit-tieni aggravju ta' dan l-appell u minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti qed jiġi ordnat jippreżenta xi dokumenti li ma jeżistux iżda pagamenti li għamel jew għamlet, lil MaltaToday Co. Ltd., Business 2 Business Ltd jew Saviour Balzan.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*Dan it-Tribunal għalhekk qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-Ministeru appellanti u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li minnha sar dan l-appell."*

**L-Appell**

12. L-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tal-21 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell interpost minnu, filwaqt li tħassar, tirriforma u tvarja s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Novembru, 2022 mit-Tribunal, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

13. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal żbalja meta ma qiesx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet nieqsa mill-motivazzjoni rikjesta mil-liġi. Qal li fil-fatt il-Kummissarju lanqas biss wasal għal deċiżjoni dwar jekk ir-raġuni mogħtija mill-Ministeru appellant kinitx valida u skont il-liġi jew le, u kien għalhekk li l-Kummissarju wasal biex ta ordni li għandhom jingħataw dokumenti li lanqas biss intalbu mill-appellata. Qal li l-Kummissarju qal biss li huwa kkonsidra l-ispirtu u l-iskop tal-Att, li ra r-rikjesta tal-appellata, qies ir-rifjut, u li ra s-*sample documentation* ippreżentata, imma din mhijiex motivazzjoni suffiċjenti dwar għalfejn fil-fehma tal-Kummissarju l-artikolu 14(g) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-każ odjern. Qal li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tant hija nieqsa minn motivazzjoni, li huwa ma jistax jifhem kif il-Kummissarju wasal għall-konklużjoni li mhux tingħata l-lista mitluba, bid-dettalji kif mitluba, iżda li minflok għandhom jingħataw id-dokumenti li għalihom isir riferiment fit-talba, liema dokumenti qatt ma ntalbu bħala tali. L-appellant qal li minn qari tal-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tal-Kummissarju, wieħed għandu jikkonkludi li d-deċiżjoni tiegħu mhijiex motivata kif trid il-liġi, u dan bi ksur senjatament tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal kien żbaljat meta ma sabx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tirreferi għal u tordna l-produzzjoni ta' dokumenti oltre u differenti minn dak mitlub mill-appellata, u għalhekk l-istess deċiżjoni hija *ultra vires* u *extra petita.* L-appellant qal li l-lista mitluba mhijiex fil-pussess tiegħu, u fil-passat lista bħal din qatt ma ġiet kumpilata jew miżmuma. Qal li ladarba ġie stabbilit li din il-lista ma teżistix, dak li kellhom jagħmlu il-Kummissarju u t-Tribunal, kien li jaraw jekk huwa kellux raġun jikkonsidra li d-dokument mitlub mhuwiex fil-pussess tiegħu, u għalhekk jiċħad it-talba tal-appellata, jew inkella jaraw jekk l-appellant kienx fid-dmir li jikkompila din il-lista minn informazzjoni oħra li seta' kellu. Qal li huwa f'dan is-sens li l-Kummissarju mar *ultra vires* mill-kompetenza tiegħu, għaliex huwa kellu jiddeċiedi biss jekk id-dokument mitlub fit-talba tal-applikanta huwiex suġġett għall-eżenzjoni msemmija mill-appellant jew le. Qal ukoll li mill-Att ma tirriżultax il-kompetenza tal-Kummissarju li jordna l-produzzjoni ta' dokumenti li ma ġewx mitluba mill-applikanti. L-appellant qal li anki l-appellata tidher li fehmet li d-dokumenti nfushom jaf ikun fihom informazzjoni eżentata, tant huwa hekk li hija talbet lista b'informazzjoni limitata, u għalhekk din stenniet xi forma ta' *'table'* mhux dokumenti kompleti. L-appellant qal li jekk il-Kummissarju ma qabilx mar-raġuni tiegħu għaċ-ċaħda tal-preżentazzjoni tal-lista ta' dokumenti, dan kellu jordna l-kompilazzjoni u l-produzzjoni ta' dik il-lista, u mhux il-produzzjoni tad-dokumenti nfushom. Qal li r-regoli dwar l-*ultra petita* u l-*extra petita* jeżistu sabiex jiġi assigurat li l-partijiet ikunu jistgħu jressqu l-argumenti u d-difiżi tagħhom skont it-termini tat-talbiet kif magħmula, u mhuwiex ġust li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 496 jitqiesu bħala limitazzjonijiet maħsuba biex xi awtorità taħrab mir-responsabbilità tagħha li tipprovdi

informazzjoni, u li dawn l-eżenzjonijiet jeżistu biex jiġi assigurat li kwistjonijiet bħal saħħa u sigurtà nazzjonali, il-protezzjoni tad-data ta' terzi u l-ħarsien ta' privileġġi jiġu kkunsidrati.

15. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal kellu jqis li d-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ġietx eżerċitata b'mod korrett. Qal li l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jirreferi għal dokumenti eżistenti u l-ispirtu tal-Att huwa sabiex il-pubbiku jkollu aċċess għal dokumenti miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 6(1)(b) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispeċifika kif għandha ssir talba mill-applikant, u żied jgħid li mill-mod kif inhi abbozzata l-liġi, id-dokument għandu jkun diġà jeżisti u fil-pussess tal-awtorità. Kompla jgħid illi ladarba d-dokument mitlub mill-applikanta ma jeżistix, u għalhekk la hu miżmum minnu u lanqas minn xi awtorità oħra, u ladarba l-Kummissarju wkoll spjega li lilu ma jirriżultalux li d-dokument mitlub jeżisti, huwa għal kollox inkonċepibbli kif il-Kummissarju għadda biex talab il-produzzjoni ta' dan id-dokument. L-appellant qal ukoll li ladarba l-informazzjoni mitluba tirrisali lura għall-2013, jaf hemm il-ħtieġa ta' riżorsi kbar biex din l-informazzjoni tinġabar, u għalhekk jista' jkun li tapplika eżenzjoni f'dan ir-rigward. Qal li fil-Gazzetta tal-Gvern numru 584 tal-31 ta' Mejju, 2012 taħt il-paragrafu 13, hemm spjegat l-ammont li jista' jintefaq minn awtorità pubblika sabiex din timplimenta rikjesta taħt l-FOI, u dan bil-ħsieb li t-taxxi tal-poplu jintefqu b'mod raġonevoli u għaqli. L-appellant qal li t-Tribunal ma fehemx dan l-argument taħt l-artikolu 10(f) tal-Kap. 496 li japplika mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet li saru fir-rigward tal-artikolu 10(g) tal-Kap. 496, u minflok it-Tribunal għamel riferiment għall-Avviż Legali 148 tal-2010 li

m'għandux x'jaqsam ma' dan l-aggravju, għaliex jittratta biss ħlasijiet li jsiru taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u mhux il-ħin u r-riżorsi li tista' tieħu rikjesta bħal din, kif indikat fil-Gazzetta tal-Gvern dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 10(f). Qal li hawnhekk huwa mhux jitkellem dwar kemm il-Gvern jista' jitlob flus biex jiddisponi minn rikjesta, iżda qiegħed jittratta l-valur u r-riżorsi li jistgħu jittieħdu biex ikun hemm rifjut taħt l-artikolu 10(f) tal-Kap. 496.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. L-appellata fir-risposta tagħha eċċepiet li l-appellant naqas milli jindika n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata fir-rikors tal-appell tiegħu. Eċċepiet ukoll li l-Kummissarju li kien parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma ġiex indikat bħala parti appellata fir-rikors tal-appell. L-appellata qalet ukoll li dan l-appell għandu jiġi skartat għaliex jikkostitwixxi tentattiv ċar sabiex tiġi mminata l-ħidma ġurnalistika tagħha, u dik tan-*newsroom* li hija tifforma parti minnha. L-appellata qalet ukoll li l-appell odjern m'huwa xejn għajr kontinwazzjoni ta' tattiċi wżati fil-konfront tagħha fi stadju aktar bikri tal-proċeduri, u dan sabiex hija tiġi sottoposta għal pressjonijiet finanzjarji u loġistiċi li jistgħu jxekkluha milli tiddefendi ruħha minn dawn l-appelli, u li huma maħsuba biex joħonqu u jimminaw l-operat tal-kamra tal-aħbarijiet immexxija minnha, u jagħmluha diffiċli għaliha li tikseb l-informazzjoni meħtieġa għall-ħidma ġurnalistika tagħha. Qalet li l-informazzjoni mitluba minnha hija dwar l-infiq ta' fondi pubbliċi, u għalhekk il-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba minnha hija fl-interess tal-pubbliku in ġenerali. L-appellata qalet li dan l-appell, bħal oħrajn

simili, ma huma xejn għajr kawżi SLAPP (*strategic lawsuits against public participation*).

17. L-appellata qalet li l-appellant mhux biżżejjed għalih li żewġ entitajiet li statutorjament għandhom is-setgħa li jirrevedu l-aġir ta' entitajiet pubbliċi li jiddisponu minn flejjes pubbliċi, sabu li l-appellant naqas mid-dover tiegħu li jkun *accountable* lejn il-pubbliku. Qalet li min jissupplixxi fondi li tiddisponi minnhom awtorità pubblika, jiġifieri ċ-ċittadin, m'għandux jiġi mċaħħad minn din l-informazzjoni li hija qegħda titlob li tingħatha. Qalet ukoll li hija m'għandhiex l-istess riżorsi finanzjarji u amministrattivi li għandu l-appellant, u diversi entitajiet pubbliċi qegħdin jikkoordinaw bejniethom biex jippreżentaw appelli simili jew identiċi għal xulxin, fi pjan ikkoordinat biex l-obbligi ta' *accountability* li jinkombu fuq entitajiet governattivi jiġu skartati. Qalet li minkejja dan, hija qegħda tirrispondi għall-mewġa ta' appelli li tinsab iffaċċjata bihom.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju, l-appellata qalet li d-deċiżjoni appellata hija ben motivata, kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-appellant. Qalet ukoll li donnu l-appellant intebaħ li l-informazzjoni mitluba minnha setgħet tiġi kkumpilata faċilment, u għalhekk staqsiet għal liema raġuni d-dokument ma ġiex ippreżentat fil-mori tal-appell quddiem it-Tribunal minflok ma l-appellant għażel li jkompli b'dawn il-proċeduri.

19. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li hija ma tarax b'liema mod li l-Kummissarju eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod skorrett jew li dan aġixxa b'mod li jmur oltre dak li tipprovdi għalih il-liġi. Qalet

li l-appellant għamel riferiment għall-'ispirtu tal-liġi' sabiex jiġġustifika għaliex, skont hu, il-Kummissarju ma messux irrilaxxa d-dokumentazzjoni pprovduta lilu. Qalet ukoll li l-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ppromulgat bl-iskop ewlieni li jassigura d-dritt għall-informazzjoni, u minkejja li l-istess liġi tipprovdi għal restrizzjonijiet għal dan id-dritt ta' informazzjoni, f'dan l-istadju ma ngħab l-ebda argument li jimmilita favur l-invokar ta' xi waħda minn dawn ir-restrizzjonijiet jew dwar xi nuqqas tat-Tribunal f'dan ir-rigward. L-appellata qalet li b'mod ġenerali l-appellant kellu juri li l-aggravju mressaq minnu huwa mistħoqq fuq livell ogħla minn appell 'normali', u dan għaliex il-każ odjern issa jinsab fit-tielet stadju tiegħu, id-deċiżjoni tal-Kummissarju, dik tat-Tribunal, u issa dan l-appell, u dawn is-sottomissjonijiet, l-appellant diġà ressaqhom fil-fora l-oħra li taw id-deċiżjoni tagħhom. L-appellata qalet li din il-Qorti mhijiex tenuta tiddisturba jew tissindaka l-apprezzament tal-fatti li sar, inkluż il-valutazzjoni u l-piż mogħti lill-istess, kif ukoll l-applikazzjoni tal-liġi li saret mit-Tribunal. Qalet li huwa ċar li t-Tribunal kellu raġunijiet aktar milli fondati fil-fatt u fid-dritt biex jikkonferma d-deċiżjoni oriġinali tal-Kummissarju, u l-appellant qiegħed jipprova jaqleb deċiżjoni sabiex jevita li jottempera ruħhu mal-obbligu ta' kull awtorità pubblika li tagħti rendikont tal-infiq ta' fondi pubbliċi, u dan wara li ġie ordnat jagħmel dan minn żewġ entitajiet statutorji. L-appellata saħqet li l-informazzjoni mitluba minnha oriġinarjament kienet u għadha tikkostitwixxi materja ta' interess pubbliku li tifforma d-dibattitu politiku fil-pajjiż, u dan ikompli juri kemm l-appell in kwistjoni huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, aktar u aktar fid-dawl tal-jedd fundamentali tal-appellata, li tirċievi u tagħti informazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferiment għan-nuqqasijiet elenkati mill-appellata fir-rigward tar-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant, jiġifieri dwar il-fatt li n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata ma ġiex imniżżel fl-okkju tar-rikors tal-appell, u dwar il-fatt li l-Kummissarju ma ġiex imniżżel bħala wieħed mill-partijiet fl-appell li qiegħed isir minn deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti tgħid li l-ebda wieħed minn dawn in-nuqqasijiet m'għandu jwassal għan-nullità tal-appell, u li għalhekk issa jmiss li tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-aggravji tal-appellant.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal żbalja meta ma wasalx għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija nieqsa mill-motivazzjoni]*

21. L-appellant saħaq li t-Tribunal kien żbaljat meta naqas milli jikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija nieqsa mill-motivazzjoni, u dan għaliex il-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni tal-Kummissarju juru li tali deċiżjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni. L-appellant saħaq li fil-fatt il-Kummissarju imkien ma spjega għal liema raġuni kien qiegħed jiddeċiedi li l-artikolu 14(g) tal-Att ma japplikax għall-każ odjern.

22. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-appellant, li qiegħed jilmenta mid-deċiżjoni tat-Tribunal li ma sab xejn x'jiċċensura fid-deċiżjoni li ta l-Kummissarju qablu. Fil-fatt il-Qorti tirrileva li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tispjega tajjeb ir-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-applikanta għandhom jiġu

milqugħa, u għal liema raġuni l-Kummissarju ordna lill-appellant jipprovdilha l-informazzjoni li għandu għad-disposizzjoni tiegħu, u dan fil-paragrafi 7 sa 10 tad-deċiżjoni. Biex deċiżjoni tkun immotivata, mhuwiex meħtieġ li d-deċiżjoni tkun waħda elaborata, imma fi kwalunkwe każ, il-Kummissarju spjega b'mod dettaljat għal liema raġuni kien qiegħed jiċħad l-iskużanti tal-appellant li baqa' jinsisti li l-informazzjoni mitluba mill-applikanta ma kinitx fil-pussess tiegħu. Fil-fatt jirriżulta li kien hemm xi kampjuni ta' dokumenti li ngħataw lill-Kummissarju mill-appellant, u kien għalhekk li dan wasal għall-konklużjoni li r-raġuni mogħtija mill-appellant taħt l-artikolu 14(g) tal-Kap. 496 m'għandhiex tiġi milqugħa, għaliex irriżultalu li mhuwiex minnu li d-dokumenti jew l-informazzjoni mitluba ma jeżistux jew ma jinsabux fil-pussess tal-awtorità pubblika. Il-Kummissarju fil-fatt qal li l-appellant ma setgħax jgħid li l-informazzjoni mitluba mingħandu mhijiex għad-dispożizzjoni tiegħu, meta jirriżulta bl-aktar mod ampju li huwa kellu din l-informazzjoni. Motiv jew raġuni ċara aktar minn din ma setgħetx tingħata mill-Kummissarju, u anki t-Tribunal qabel ma' dan. Il-fatt li din id-deċiżjoni m'għoġbitx lill-appellant, ma jfissirx li b'daqshekk huwa għandu raġun jgħid li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhijiex valida għaliex hija nieqsa mill-motivazzjoni, għaliex dan ma jirriżultax. Għalhekk tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni tal-Kummissarju tirreferi għal u tordna l-produzzjoni ta' dokumenti oltre u differenti minn dak mitlub]*

23. L-appellant saħaq li rriżulta li l-lista mitluba mill-applikanta ma tinsabx fil-pussess tiegħu, u li l-Kummissarju mar oltre l-poteri fdati lilu bil-liġi meta ma

vverifikax jekk id-dokument mitlub jeżistix jew ra jekk l-appellant kienx fid-dmir li jikkompila l-informazzjoni mitluba. Qal li anke l-appellata talbet informazzjoni limitata, iżda minkejja dan il-Kummissarju ordnalu jippreżenta dokumenti u kuntratti sħaħ li ma ntalbux mill-appellata. Il-Qorti tqis li l-Kummissarju kkonkluda li l-ġustifikazzjoni mogħtija mill-appellant għalfejn kien qiegħed jirrifjuta t-talba tal-applikanta, m'għandhiex mis-sewwa u dan għaliex ġie ppreżentat lilu kampjun ta' dokumenti li juru li fil-fatt l-informazzjoni mitluba kienet fil-pussess tal-appellant, anki jekk mhux fil-forma ta' lista jew skeda kif mitlub mill-applikanta. Kien għalhekk li l-appellant intalab jippreżenta d-dokumenti fil-pussess tiegħu, sabiex permezz tagħhom l-appellata tkun tista' tikseb l-informazzjoni li għandha bżonn. Il-Qorti tfakkar lill-appellant li ma jistax jippretendi li d-disposizzjonijiet tal-liġi, u t-talba tal-appellata, jingħataw interpretazzjoni restrittiva, sal-punt li l-appellant jittenta jaħrab mill-obbligi tiegħu taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-konsiderazzjoni tat-Tribunal li l-informazzjoni mitluba taqa' taħt id-definizzjoni ta' 'dokument' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 496, u għandu jirriżulta li fil-każ odjern hija rilevanti l-ewwel parti tat-tifsira, jiġifieri li kull dokument ifisser "*kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma*". Għalhekk il-Qorti tqis li huwa irrilevanti jekk l-informazzjoni tingħatax fil-forma rikjesta jew f'xi forma oħra, u dan sakemm ir-rikjesta fis-sustanza tagħha tintlaqa'. Minn dan isegwi li l-Kummissarju kien korrett meta ddeċieda li l-appellant kien fil-pussess ta' dokumentazzjoni li kienet tissodisfa r-rikjesta tal-appellata, u b'hekk ordna li din tgħaddi għand l-appellata. Kien korrett ukoll it-Tribunal meta ma sab xejn x'jiċċensura fid-deċiżjoni tal-Kummissarju. Il-Qorti tfakkar lill-appellant li l-Kummissarju għandu poteri

estensivi taħt l-Att, fosthom li jista' jivvaluta jekk xi awtorità pubblika hijiex issegwi prattika tajba fir-rigward tat-talbiet għall-informazzjoni li jsirulha. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu,

*It-tielet aggravju:* *[id-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ġietx eżerċitata b'mod korrett]*

24. L-appellant jgħid ukoll li l-ordni li ngħatatlu hija skorretta għaliex il-Kummissarju seta' jordna biss il-produzzjoni ta' dokumenti li diġà jeżistu, u li huma fil-pussess tal-awtorità pubblika li tkun. Il-Qorti diġà spjegat għal liema raġuni dan huwa argument fallaċi. Mill-kampjun tad-dokumenti esebiti quddiem il-Kummissarju, irriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu d-dokumentazzjoni mitluba mill-applikanta, anki jekk mhux fil-format rikjest, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda raġuni għalfejn din l-informazzjoni tinżamm mill-pubbliku. L-appellant fl-ebda waqt ma sostna li din l-informazzjoni hija waħda eżentata, iżda dejjem saħaq li l-informazzjoni mitluba ma teżistix, jew li l-informazzjoni mitluba mhijiex fil-pussess tiegħu, u li ma jaf bl-ebda awtorità pubblika li jista' jkollha din l-informazzjoni. Iżda mill-provi rriżulta bl-aktar mod ċar li dan mhux minnu, u ġie ppruvat li din l-informazzjoni teżisti u qegħda fil-pussess tal-appellant. Għaldaqstant m'hemm xejn li jindika li d-diskrezzjoni li għandu l-Kummissarju li jordna l-produzzjoni ta' xi dokument jew informazzjoni wara l-investigazzjoni tiegħu, ma ntużatx b'mod korrett kif qegħda tallega l-awtorità appellanta. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sottomissjonijiet tal-appellant dwar l-ispiża fi flus u ta' ħin meħtieġa biex tinġabar l-informazzjoni rikjesta. Apparti li l-appellant ma ġab l-

ebda prova li ser jintefqu xi flus kbar biex tingħata l-informazzjoni mitluba, għal darb'oħra l-Qorti tfakkar li l-appellant għamilha ċara li għandu l-informazzjoni mitluba fil-pussess tiegħu, f'xi format jew ieħor, u għalhekk din is-sottomissjoni dwar spejjeż ma ġietx sostnuta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**